

32004E0161

L 50/66

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

20.2.2004

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2004/161/PESK
tad-19 ta' Frar 2004
li ġġedded miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Skond il-Pożizzjoni Komuni 2002/145/PESK ⁽¹⁾ il-Kunsill impona projbizzjoni fuq il-fornitura ta' armi u materjal relatat, fuq id-dispożizzjoni ta' stħarriġ jew assistenza teknika relatata u fuq il-fornitura ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna taż-Żimbabwe.
- (2) Skond il-Pożizzjoni Komuni 2002/145/PESK il-Kunsill impona ukoll divjet ta' vjaġġar u l-iffriżar tal-fondi fil-konfront tal-Gvern taż-Żimbabwe u persuni illi għandhom responsabbiltà kbira għal vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertà ta' l-opinjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' assemblea pażifika.
- (3) Il-Pożizzjoni Komuni 2002/145/PESK ġiet emendata permezz tal-Pożizzjoni Komuni 2002/600/PESK ⁽²⁾ bl-estensjoni ta' dawn il-miżuri restrittivi għall-persuni oħra li għandhom responabbiltà kbira għal dawn il-vjolazzjonijiet.
- (4) Il-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi annessa mal-Pożizzjoni Komuni 2002/145/PESK ġiet aġġornata u sostitwita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/754/PESK ⁽³⁾ wara bdil fil-gvern taż-Żimbabwe.
- (5) Pożizzjoni Komuni 2002/145/PESK ġiet inoltré emendata u estiża permezz tal-Pożizzjoni Komuni 2003/115/PESK ⁽⁴⁾, li tiskadi fl-20 ta' Frar 2004.
- (6) Fid-dawl tad-deterjorazzjoni kontinwa tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiż-Żimbabwe, il-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni Ewropea għandhom jiġġeddu għal 12-il xahar ieħor.
- (7) L-għan ta' dawn il-miżuri restrittivi huwa li jħeġġeġ in-nies immirati jirrifjutaw il-politiki li jwasslu għat-trażżin tad-drittijiet tal-bniedem, tal-libertà ta' l-espressjoni u ta' l-iggvernar tajjeb.

- (8) Il-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi annessa mal-Pożizzjoni Komuni 2002/145/PESK, kif emendata u sostitwita, għandha tiġi aġġornata.

- (9) Azzjoni mill-Komunità hija meħtieġa ħalli tapplika ċerti miżuri,

ADOTTA DIN IL-POSIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

Għall-iskop ta' din il-Pożizzjoni Komuni, it-terminu "assistenza teknika" għandha tfisser kull appoġġ tekniku relatat ma' tiswija, żvilupp, fabrikazzjoni, assemblea, provi, manutenzjoni jew kull servizz tekniku ieħor, u jista' jieħu forom bħal istruzzjoni, pariri, stħarriġ, trażmissjoni tat-tagħrif fuq xogħol jew Prattika or servizzi ta' konsulenza; l-assistenza teknika tinkludi forom verbali ta' assistenza.

Artikolu 2

1. Hu miċħud illi ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li jbiegħu, ifornixxu, jittrasferixxu jew jesportaw fiż-Żimbabwe, armi u materjali relatati ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, veikoli u ekwipaġġamenti militari, ekwipaġġament paramilitari u r-relattivi spare parts, kif ukoll attrezzaturi li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna, li ġejjin mit-territorji ta' l-Istati Membri jew permezz ta' vapuri jew veikoli bl-ajru bil-bandiera tagħhom, kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom jew le.

2. Hu projbit:

- (a) li tagħti, tbiegħ, tfornixxi jew titrasferixxi assistenza teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħra li huma relatati ma' attivitajiet militari u mal-fornitura, fabrikazzjoni, manutenzjoni u użu ta' armi u materjali relatati ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, veikoli u ekwipaġġamenti militari, ekwipaġġament paramilitari u r-relattivi spare parts, kif ukoll attrezzaturi li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna, direttament jew indirettament lill-kuwalunkwe persuna entità jew korp stabbilit jew destinati li jiġu utilizzati fiż-Żimbabwe;

⁽¹⁾ ĠU L 50, 21.02.02, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 195, 24.07.02, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 247, 14.09.02, p. 56.

⁽⁴⁾ ĠU L 46, 20.02.03, p. 30.

- (b) li tipprovidi finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari, inklużi, b'mod partikolari, sensjiet, self u assigurazzjoni tal-kreditu fl-esportazzjoni, għall kwalunkwe bejgħ, forniture, trasferiment jew esportazzjoni armi u materjali relatati, kif ukoll attrezzi u jistgħu jintużaw għal repressjoni interna, direttament jew indirettament lill-kuwalunkwe persuna entita jew korp stabbilit jew destinati li jiġu utilizzati fiż-Żimbabwe.

Artikolu 3

1. L-Artikolu 2 m'għandux japplika:

- (a) għall-bejgħ, forniture, trasferiment jew esportazzjoni ta' ekwipaġġament militari li mhux letali jew ta' ekwipaġġament li jista' jintuża għal repressjoni interna, maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv, jew għal programmi ta' bini istituzzjonali tal-UN, ta' l-UE u tal-Komunità, jew ta' materjal maħsub għall-operazzjonijiet ta' amministrazzjoni ta' kriżi ta' EU u tal-UN;
- (b) għall-finanzjament u assistenza finanzjarja relatata ma' dan l-ekwipaġġament;
- (c) għall-forniture ta' assistenza teknika relatata ma' dan l-ekwipaġġament,

bil-kondizzjoni illi dawn l-esportazzjonijiet ġew approvati minn qabel mill-awtorità kompetenti rilevanti.

2. L-Artikolu 2 m'għandux japplika għall-ilbies protettiv, inklużi ġġieget li minnhom ma jinfdux il-bullits u elmi militari, temporanjament esportati liż-Żimbabwe mill-personal ta' Nazżjonijiet Uniti, mill-personal ta' l-UE, tal-Komunità jew ta' l-Istati Membri, mir-rappreżentanti tax-xandir u ħaddiema umanitarji u fil-qasam ta' l-iżvilupp u personal assoċjat esklussivament għall-użu personali tagħhom.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex ma jħallux d-dħul, jew it-transitu minn, ġewwa t-territorji tagħhom tal-persuni fiżiċi elenkati fl-Anness, li huma marbuta ma' attivitajiet li jillostitwixxu minaċċja serja għad-demokrazija, għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u għall-istat tad-dritt fiż-Żimbabwe.

2. Paragrafu 1 ma jobbligax l-Istati Membri jimpedixxu liċ-ċittadini proprji d-dħul fit-territorju nazżjonali.

3. Paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru huwa marbut b'obbligu li ġej mid-dritt internazzjonali, iġifieri:

- (a) bħala pajjiż li qiegħed jilqa' organizzazzjoni internazzjonali intergvernattiva;
- (b) bħala pajjiż li qiegħed jilqa kunferenza internazzjonali imsejja minn, jew taħt l-awspiċju, tan-Nazżjonijiet Uniti; jew
- (c) skond ftehim multilaterali li jagħti privileġġi u immunitajiet.

Il-Kunsill jiġi debitament informat f'kull wieħed minn dawn il-każijiet.

4. Paragrafu 3 japplika anke f'każijiet Stat Membru jilqa' l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE).

5. L-Istati Membri jistgħu jippermettu derogi mill-miżuri imposti fil-paragrafu 1 meta l-ivvjaġġar hu ġustifikat għal raġnijiet umanitarji urġenti, jew għall-eżiġenza li jittieħed sehem l-laqgħat intergvernamentali, inklużi daww promossi mill-Unjoni Ewropea, fejn jiġi mmexxi djalogu politiku li jipromwovi b'mod dirett id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fiż-Żimbabwe.

6. Stat Membru li jixtieq jagħti d-derogi msemija fil-paragrafu 5 jippreżenta notifka bil-miktub lill-kunsill. Id-deroga tiġi meqjusa li ingħatat kemm-il darba wieħed jew aktar mill-Membri tal-Kunsill ma jkollhomx oġġezzjoni bil-miktub fi żmien 48 siegħa li jiġi notifikat dwar id-deroga proposta. Fl-eventwalità li wieħed jew aktar mill-membri tal-Kunsill joġġezzjona, il-Kunsill, permezz ta' maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti d-deroga proposta.

7. Fil-każijiet fejn, skond paragrafi 3, 4, 5 u 6, Sstat Membru jawtorizza d-dħul, jew it-transitu minn, ġewwa t-territorji tiegħu tal-persuni elenkati fl-Anness, l-awtorizzazzjoni tkun limitata għall-iskop u l-persuni li għaliha tkun ingħatat.

Artikolu 5

1. Jiġu ffriżati l-fondi u r-risorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lill-membri individwali tal-Gvern taż-Żimbabwe u lill-persuni fiżiċi jew legali, lill-entitajiet jew il-korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness.

2. L-ebda fondi jew risorsi ekonomiċi m'għandhom jitqegħdu għad-dispożizzjoni direttament jew indirettament jew għall-benefiċju tal-persuni fiżiċi jew legali, ta' l-entitajiet jew tal-korpi, kif elenkati fl-Anness.

3. Derogi jistgħu jingħataw għall-fondi jew risorsi ekonomiċi li huma:

- (a) neċessarji għal spejjeż bażiċi, inklużi pagamenti għall-ikel, kera jew ipoteki, mediċini u trattament mediku, taxxi, premiums ta' l-assigurazzjoni u servizzi pubbliċi;
- (b) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' drittijiet professjonali raġonevoli u għall-ħlas lura ta' spejjeż li saru marbuta mal-provediment tas-servizzi legali;
- (c) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' drittijiet jew spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni normali jew mal-kustodja tal-fondi jew tar-risorsi ekonomiċi ffriżati;
- (d) neċessarji għal spejjeż straordinarji.

4. Paragrafu 2 ma japplikax għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

- (a) interessi jew qliegħ ieħor fuq daww il-kontijiet; jew
- (b) pagamenti dovuti minħabba appalti, ftehim jew obbligi li ġew konklużi jew imqajjma qabel id-data meta daww il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri restrittivi,

sakemm dawn l-interessi, qliegħ ieħor u pagamenti jkomplu jkunu soġġetti għall-paragrafu 1.

Artikolu 6

Skond l-iżviluppi politiċi fiż-Żimbabwe, il-Kunsill, fuq proposta ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, għandu jimmodifika l-lista li tinstab fl-Anness.

Artikolu 7

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-miżuri 'l fuq imsemmija, l-Unjoni Ewropea tgħmel kuraġġ lill-Pajjiżi terzi jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk li jinstabu f'din il-Pożizzjoni Komuni.

Artikolu 8

Din il-Pożizzjoni Komuni tidħol fis-seħħ fil-jum li tiġi adottata.

Għandha tapplika mill-21 ta' Frar 2004.

Artikolu 9

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tapplika għall-perjodu ta' 12-il xahar. Għandha tiġi riveduta kostantement. Għandha tiġi mġedda jew emendata, skond ma jkun xieraq, jekk il-Kunsill jara li għanjiet tiegħu ma ntlaħqux.

Artikolu 10

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Frar 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

M. McDOWELL

L-ANNESS

Lista tal-persuni msemmija fl-Artikoli 4 u 5

1. Mugabe, Robert Gabriel	President, imwieded fil-21.2.1924
2. Buka (a.k.a. Bhuka), Flora	Ministru ta' l-Istat fl-Uffiċju tal-Viċi-President (ex Ministru ta' l-Istat għall-programm tar-Riforma ta' l-Art fl-Uffiċju tal-President), imwieded fil-25.2.1968
3. Bonyongwe, Happyton	Direttur Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni Ċentrali ta' l-Intelligence, imwieded fis-6.11.1960
4. Chapfika, David	Viċi Ministru għall-Finanzi u Żvilupp Ekonomiku
5. Charamba, George	Segretarju Permanenti Dipartiment ta' l-Infommazzjoni u tal-Propaganda, imwieded fl-4.4.1963
6. Charumbira, Fortune Zefanaya	Viċi Ministru tal-Gvern Lokali, tax-Xogħolijiet Pubbliċi u tal-Housing Nazzjonali, imwieded fl-10.6.1962
7. Chigwedere, Aeneas Soko	Ministru ta' l-Edukazzjoni, ta' l-Isports u tal-Kultura, imwieded fil-25.11.1939
8. Chihuri, Augustine	Kummissarju tal-Puluzija, imwieded fl-10.3.1953
9. Chikowore, Enos C.	Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Artijiet u għar-Resettlement, imwieded fl-1936
10. Chinamasa, Patrick Anthony	Ministru tal-Ġustizzja, Affarijiet Legali u Parlamentarji, imwieded fil-25.1.1947
11. Chindori-Chininga, Edward Takaruza	ex Ministru tal-Mini u Żvilupp tal-Minjieri, imwieded fl-14.3.1955
12. Chipanga, Tongesai Shadreck	Viċi Ministru ta' l-Intern
13. Chiwenga, Constantine	Kmandant tal-forzi tad-Difiża taż-Żimbabwe, Ġeneral (ex Kmandant ta' l-Eżerċitu, General Lieutenant), imwieded fl-25.8.1956
14. Chiwewe, Willard	Segretarju Prinċipali inkarigat ta' l-Affarijiet Speċjali fl-Uffiċju tal-President (ex Segretarju Prinċipali, Ministru ta' l-Affarijiet Barranin), imwieded fid-19.3.1949
15. Chombo, Ignatius Morgan Chiminya	Ministru tal-Gvern Lokali, tax-Xogħolijiet Pubbliċi u tal-Housing Nazzjonali, imwieded fl-1.8.1952
16. Dabengwa, Dumiso	Membru tas-"Senior Committee" tal-Politburo taz-ZANU (PF), imwieded fl-1939
17. Goche, Nicholas Tasunungurwa	Ministru ta' l-Istat għas-Sigurtà Nazzjonali fl-Uffiċju tal-President (ex Ministru tas-Sigurtà), imwieded fl-1.8.1946
18. Gula-Ndebele, Sobuza	President tal-Kummissjoni għas-Superviżjoni ta' l-Elezzjonijiet
19. Gumbo, Rugare Eleck Ngidi	Ministru ta' l-Istat għall-Impriżi u Attivitajiet Parastatali fl-Uffiċju tal-President (ex Viċi Ministru ta' l-Intern, imwieded fit-8.3.1940
20. Hove, Richard	Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) inkarigat ta' l-Affarijiet Ekonomiċi, imwieded fl-1935
21. Hungwe, Josaya (a.k.a. Josiah) Dunira	Gvernatur tal-Provinċja: Masvingo, imwieded fis-7.11.1935
22. Kangai, Kumbirai	Membru tal-Kumitat tal-Politburo taz-ZANU (PF), imwieded fis-17.2.1938
23. Karimanzira, David Ishemunyoro Godi	Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Finanzi, imwieded fil-25.5.1947
24. Kasukuwere, Saviour	Viċi Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF), inkarigat ta' l-Affarijiet taż-Żagħżagħ, imwieded fit-23.10.1970

25. Kuruneri, Christopher Tichaona Ministru tal-Finanzi u ta' l-Iżvilupp Ekonomiku (ex Viċi Ministru tal-Finanzi u ta' l-Iżvilupp), imwieled fl-4.4.1949
26. Langa, Andrew Viċi Ministru tat-Trasport u tal-Komunikazzjoni
27. Lesabe, Thenjiwe V. Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Kondizzjoni tan-Nsa, imwieled fl-1933
28. Machaya, Jason (a.k.a. Jaison) Max Kokerai Viċi Ministru tal-Mini u ta' l-Iżvilupp tal-Minjieri, imwieled fit-13.6.1952
29. Made, Joseph Mtakwese Ministru ta' l-Agricoltura u Żvilupp Rurali (ex Ministru ta' l-Artijiet, Agricoltura u Resettlement Rurali), imwieled fil-21.11.1954
30. Madzongwe, Edna (a.k.a. Edina) Viċi Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Produzzjoni u għax-Xogħol, imwieled fil-11.7.1943
31. Mahofa, Shuvai Ben Viċi Ministru għall-Iżvilupp taż-Żagħżagħ, tal-Ġens u tal-Ħluq ta' l-impieg, imwieled fl-4.4.1941
32. Mahoso, Tafataona President tal-Kummissjoni għall-Infommazzjoni tax-Xandir
33. Makoni, Simbarashe Viċi Segretarju Ġenerali tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Affarijiet Ekonomiċi (ex Ministru tal-Finanzi), imwieled fit-22.3.1950
34. Malinga, Joshua Viċi Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għad-Diżabilitati u għall-Iżvantaġġati, imwieled fit-28.4.1944
35. Mangwana, Paul Munyaradzi Ministru tas-Servizz Pubbliku, tax-Xogħol u tal-Welfare Soċjali (ex Ministru ta' l-Istat għall-Impriżi u Attivitajiet Parastatali fl-Uffiċju tal-President), imwieled fl-10.8.1961
36. Mangwende, xhud Pasichigare Madunda Gvernatur tal-Proviċja: Harare (ex Ministru tat-Trasport u tal-Komunikazzjoni), imwieled fil-15.10.1946
37. Manyika, Elliot Tapfumanei Ministru mingħajr Portfolio (ex Ministru għall-Iżvilupp taż-Żagħżagħ, tal-Ġens u tal-Ħluq ta' l-impieg), imwieled fit-30.7.1955
38. Manyonda, Kenneth Vhundukai Viċi Ministru ta' l-industrija u tas-Sengħa Internazzjonali, imwieled fl-10.8.1934
39. Marumahoko, Rueben Viċi Ministru ta' l-Enerġija u ta' l-Iżvilupp ta' l-Enerġija, imwieled fl-4.4.1948
40. Masawi, Ephrahim Sango Gvernatur tal-Proviċja: Mashonaland Ċentrali
41. Masuku, Angeline Gvernatur tal-Proviċja: Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Matabeleland tan-Nofsinar għad-Diżabilitati u għall-Iżvantaġġati, imwieled fl-14.10.1936
42. Mathema, Cain Gvernatur tal-Proviċja: Bulawayo
43. Mathuthu, T. Viċi Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għat-Trasport u Welfare Soċjali
44. Midzi, Amos Bernard (Mugenva) Ministru tal-Mini u Żvilupp tal-Minjieri (ex Ministru ta' l-Enerġija u ta' l-Iżvilupp ta' l-Enerġija), imwieled fl-4.7.1952
45. Mnangagwa, Emmerson Dambudzo Speaker tal-Parlament, imwieled fil-15.9.1946
46. Mohadi, Kembo Campbell Dugishi Ministru ta' l-Intern (ex Viċi Ministru tal-Gvern Lokali, tax-Xogħolijiet Pubbliċi u tal-Housing Nazzjonali), imwieled fil-15.11.1949
47. Moyo, Jonathan Ministru ta' l-Istat għall-Infommazzjoni u Propaganda fl-Uffiċju tal-President, imwieled fit-12.1.1957
48. Moyo, Lulju Gabarari Ministru ta' l-Enerġija u ta' l-Iżvilupp ta' l-Enerġija (ex Ministru tas-Servizz Pubbliku, tax-Xogħol u tal-Welfare Soċjali), imwieled fis-7.5.1950
49. Moyo, Simon Khaya Viċi Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Affarijiet Legali, imwieled fl-1945

50. Mpofu, Obert Moses	Gvernatur tal-Provinċja: Matabeleland tat-Tramuntana (Viċi Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għas-Sigurtà Nazzjonali), imwieled fit-12.10.1951
51. Msika, Joseph W.	Viċi President, imwieled fis-6.12.1923
52. Msipa, Cephas George	Gvernatur tal-Provijċja: Midlands, imwieled fis-7.7.1931
53. Muchena, Olivia Nyembesi (a.k.a. Nyem-bezi)	Ministru ta' l-Istat għax-Xjenza u għat-Teknoloġija fl-Uffiċju tal-President (ex Ministru ta' l-Istat fl-Uffiċju tal-President Msika), imwieled fit-18.8.1946
54. Muchinguri, Oppah Chamu Zvipange	Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Ġens u għall-Kultura, imwieled fl-14.12.1958
55. Mudede, Tobaiwa (Tonnoth)	Reġistratur Ġenerali, imwieled fit-22.12.1942
56. Mudenge, Isack Stanilaus Goreraivo	Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, imwieled fis-17.12.1941
57. Mugabe, Grace	Il-mara ta' Robert Gabriel Mugabe, imwieled fit-23.7.1965
58. Mugabe, Sabina	Membru tas-"Senior Committee" tal-Politburo taz-ZANU (PF), imwieled fl-14.10.1934
59. Mujuru, Joyce Teurai Ropa	Mministru tar-Riżorsi ta' l-Ilma u ta' l-Iżvilupp Infrastrutturali (ex Ministru tar-Riżorsi Rurali u ta' l-Iżvilupp ta' l-Ilma), imwieled fil-15.4.1955
60. Mujuru, Solomon T.R.	Membru tas-"Senior Committee" tal-Politburo taz-ZANU (PF), imwieled fl-1.5.1949
61. Mumbengegwi, Samuel Creighton	Ministru ta' l-Industrija u tal-Kummerċ Internazzjonali (ex Ministru ta' l-Edukazzjoni Superjuri u tat-Teknoloġija), imwieled fit-23.10.1942
62. Murerwa, Herbert Muchemwa	Ministru ta' l-Edukazzjoni Superjuri u Terzjarja (ex Ministru tal-Finanzi u ta' l-Iżvilupp Ekonomiku), imwieled fil-31.7.1941
63. Mushohwe, Christopher Chindoti	Ministru tat-Trasport u tal-Komunikazzjoni (ex Ministru tat-Trasport u tal-Komunikazzjoni), imwieled fis-6.2.1954
64. Mutasa, Didymus Noel Edwin	Ministru ta' l-Affarijiet Speċjali fl-Uffiċju tal-President inkarigat bil-Programm Anti-Korruzzjoni u Anti-Monopoli (ex Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għar-Relazzjonijiet Esterni), imwieled fis-27.7.1935
65. Mutinhiri, Ambros (a.k.a. Ambrose)	Ministru għall-Iżvilupp taż-Żagħżagħ, tal-Ġens u tal-Ħluq ta' l-impieg, Retired Brigadier
66. Mutiwekuziva, Kenneth Kaparadza	Viċi Ministru ta' l-Iżvilupp ta' l-Impriżi Żagħhar u Medji, imwieled fis-27.5.1948
67. Muzenda, Tsitsi V.	Membru tas-"Senior Committee" tal-Politburo taz-ZANU (PF), imwieled fit-28.10.1922
68. Muzonzini, Elisha	Brigadier (ex Direttur Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni Ċentrali Intelligence), imwieled fl-24.6.1957
69. Ncube, Abedinico	Viċi Ministru ta' l-Affarijiet Barranin, imwieled fit-13.10.1954
70. Ndlovu, Naison K.	Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Produzzjoni u għax-Xogħol, imwieled fit-22.10.1930
71. Ndlovu, Sikhanyiso	Viċi Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Kummissarjat, imwieled fl-20.9.1949
72. Nhema, Franza	Ministru għal-Ambjent u għat-Turiżmu, imwieled fis-17.4.1959
73. Nkomo, John Landa	Ministru ta' l-Affarijiet Speċjali fl-Uffiċju tal-President
74. Nyambuya, Michael Reuben	Lieutenant Ġenerali, Gvernatur tal-Provijċja: Manicaland
75. Nyoni, Sithembiso Gile Glad	Ministru ta' l-Iżvilupp ta' l-Impriżi Żagħhar u Medji (ex Ministru ta' l-Istat għas-Settur Informali), imwieled fl-20.9.1949

76. Parirenyatwa, David Pagwese	Ministru tas-Saħħa u tal-Welfare tat-Tfal (exViċi Ministru), imwield fit-2.8.1950
77. Pote, Selina M.	Viċi Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Ġens u għall-Kultura
78. Rusere, Tinos	Viċi Ministru għar-Riżorsi ta' l-Ilma u għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura (ex Viċi Ministru tar-Riżorsi Rurali u ta' l-Iżvilupp ta' l-Ilma), imwield fl-10.5.1945
79. Sakupwanya, Stanley	Viċi Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għas-Saħħa u għall-Welfare tat-Tfal
80. Samkange, Nelson Tapera Patata chips	Gvernatur tal-Proviċja: Mashonaland tal-Punent
81. Sekeramayi, Sydney (a.k.a. Sidney) Tigere	Ministru tad-Difiża, imwield fit-30.3.1944
82. Shamu, Webster	Ministru ta' l-Istat għall-Implimentazzjoni tal-Politika fl-Uffiċju tal-President, imwield fis-6.6.1945
83. Shamuyarira, Nathan Marwirakuwa	Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Infommazzjoni u għall-Propaganda, imwield fid-29.9.1928
84. Shiri, Perence	Ġeneral ta' l-Avjazzjoni (Air Force), imwield fl-1.11.1955
85. Shumba, Isaiah Masvayamwando	Viċi Ministru ta' l-Edukazzjoni, ta' l-Isports u tal-Kultura, imwield fit-3.1.1949
86. Sibanda, Jabulani	President ta' l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Veterani tal-Gwerra, imwield fil-31.12.1970
87. Sibanda, Misheck Julius Mpande	Segretarju tal-Kabinett (suċċessur għal No. 93 Charles Utete), imwield fit-3.5.1949
88. Sibanda, Phillip Valerio (a.k.a. Valentine)	Kmandant ta' l-Eżerċitu Nazzjonali taż-Żimbabwe, Lieutenant Ġenerali, imwield fil-25.8.1956
89. Sikosana, Absolom	Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Affarijiet taż-Żaghagh
90. Stamps, Timothy	Advisor tas-Saħħa fl-Uffiċju tal-President, imwield fil-15.10.1936
91. Tawengwa, Solomon Chirume	Viċi Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Finanzi, imwield fil-15.6.1940
92. Tungamirai, Josiah T.	Ministru ta' l-Istat għall-Indiġenizzazzjoni u għall-Emanċipazzjoni, Ġeneral ta' l-Avjazzjoni bil-Pensjoni (ex Segretarju tal-Politburo taz-ZANU (PF) għall-Emanċipazzjoni u għall-Indiġenizzazzjoni), imwield fit-8.10.1948
93. Utete, Charles	President tal-Kummissjoni Presidenzali fuq ir-Riforma ta' l-Artijiet (ex Segretarju tal-Kabinett), imwield fit-30.10.1938
94. Zimonte, Paradzai	Direttur tal-Ħabsijiet, imwield fl-4.3.1947
95. Zvinavashe, Vitalis	Ġenerali bil-pensjoni (ex Kap tal-Persunal tad-Difiża), imwield fis-27.9.1943